TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal Ghal Konsumatur

Antonia Scerri

vs

Mizzi Ltd

CCT 6/16/MS

Illum 30 ta' Mejju 2016

It-Tribunal

Ra t-talba tar-rikorrenti fejn wara li ppremetiet li hija xtrat fridge minghand is-socjeta konvenuta f'Lulju 2011, ghall-valur ta' Euro 730, u li erba' snin wara, f'Gunju 2015 din il-fridge immanifestat hsarat li gieghlu lis-socjeta' konvenuta jirtirawha ghat-tiswija; illi din il-fridge qatt ma giet ritornata lir-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti talbet ghalhekk illi tinghata lura il-valur tal-istess fridge fis-somma ta' Euro 730.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta fejn filwaqt illi kkonfermaw illi hadu l-fridge ghat-tiswija aktar minn darba u pprovdew fridge temporanju, allegaw illi t-tisiwjiet kienu success u l-fridge qed tahdem tajjeb perfettament. Pero kienet l-istess rikorrenti illi rrifjutat li tiehu lura l-fridge peress illi ma reditx thallas ghall-lifter sabiex il-fridge temporanju jitnizzel sal-*ground floor*.

Ra illi s-socjeta' konvenuta debitament notifikata bl-avviz ghas-smigh naqset milli tidher u ma gabet l-ebda provi, l-anqas meta s-seduta kienet appuntata propju ghall-provi taghha.

Semghet lix-xhieda tar-rikorrenti fejn ikkonfermat bil-gurament it-talba taghha.

Ra illi t-Tribunal ma jistax jikkunisdra r-risposta tas-socjeta' konvenuta bhala prova peress illi din mhijiex ikkonfermata bil-gurament, ghalhekk ix-xhieda tal-attrici tibqa' mhux kontestata ghall-fini u effetti tal-ligi.

Ikkunsidra

Illi tajjeb jew hazin, ir-rikorrenti uzat dan il-*fridge freezer* ghall-erba' snin minghajr ebda reklam u ghalhekk ma tistax tippretendi illi tiehu l-valur tieghu shih, bhallikieku dan il-*fridge freezer* kien ghadu gdid. L-aktar li ghandha tippretendi huma danni minghand is-socjeta' konvenuta talli zammew il-*fridge freezer,* meta din kienet fdata ghandhom bi skop specifiku. Anke li kieku ir-rikorrenti kienet qed tkun difficli u ma onoratax il-parti taghha tal-obbligazzjoni, is-socjeta' konvenuta kellha mezzi legali ohra biex tezimi ruhhha minn kull responsabbilta' ta' dan il-*fridge freezer*. Dan ma ghamlitux u ghalhekk trid terfa' l-konsegwenzi tal-ghemil taghha.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' parzjlament it-talba tar-rikorrenti u tikundanna l-isocjeta' konvenuta li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija u hamsin Euro (€350.00) bhala danni ghar-ragunijiet fuq imsemmija, b'dana illi s-socjeta' konvenuta tkun intitolata illi tibqa' zzomm fil-pussess taghha il-fridge freezer in kwistjoni u r-rikorrenti ghandha tirritorna fi zmien hmistax - il gurnata mid-data ta' din is-sentenza il-fridge temporanju lis-socjeta' konvenuta a spejjes tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes tal-kawza kontra s-socjeta' konvenuta.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru